# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Marzu 2020**

**Numru 32**
**Rikors numru 831/06 JZM**

**Gino Vassallo**

**v.**

**Korporazzjoni Enemalta illum Enemalta plc**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Jannar 2015, li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment:

"**I. <u>Preliminari</u>**

"Rat ir-**<u>rikors guramentat</u>** li prezenta l-attur fit-<u>12 ta` Settembru 2006</u> u jaqra hekk –

"*Illi l-attur ghandu "service contract" mal-Korporazzjoni konvenuta u dana billi din tissuplixxih bid-dawl mill-fond minn fejn huwa jopera u cioe` fil-fond bl-isem "International Plastics", Garage 22, Triq Tal-Handaq, limiti ta` Hal-Qormi ;*

"*Illi l-attur ili jopera s-sengha tieghu li jaghmel oggetti tal-plastic bhal "plastic bags", boroz ecc. mis-sena 1993 u dana gewwa l-"workshop" tieghu imsemmi ;*

"*Illi hekk kif juri l-istatement hawn anness u mmarkat bhala Dokument `GV1` l-attur gie informat mill-Korporazzjoni intimata f'Lulju 1998 illi ghandu jhallas kont ta` elf u hamsa u hamsin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm1055.81) u l-istess attur hallas dan il-kont hekk kif hemm indikat fl-istess statement ;*

"*Illi l-attur baqa` jircievi l-kontijiet min-naha tal-Korporazzjoni konvenuta liema kontijiet huwa kien qed ihallas regolarment hekk kif hemm indikat fl-istess statement ;*

"*Illi f'daqqa wahda l-attur ircieva kont iehor min-naha tal-Korporazzjoni konvenuta li huwa ghandu jhallas ghall-provvista tad-dawl tieghu s-somma ta` tmienja u ghoxrin elf mitejn u tmintax –il lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm28,218.34) u dan f'Mejju 2005 u dana minhabba li l-istess Korporazzjoni kienet hadet zball ghal diversi snin fil-mod kif hija kienet qieghedha tkejjel il-konsum ta` l-elettriku min-naha tar-rikorrent mill-fond in kwistjoni ;*

"*Illi dan il-fatt kif hawn fuq spjegat irreka dannu u pregudizzju serju lill-attur fl-attivita` ta` xoghol tieghu u dana minhabba l-fatt illi kieku l-attur kien f'posizzjoni li jkun jaf tul is-snin illi l-konsum ta` elettriku kien taht huwa kien dial dawn l-ispejjez tal-produzzjoni fil-prezz li huwa kien qed jiffissa ghall-prodott tieghu lill-klijenti tieghu u b`hekk jevita li jinkorri telf fl-attivita` tieghu minhabba l-fatt li kien hemm spiza tal-produzzjoni u cioe` konsum ta` l-elettriku li huwa ma kienx jaf bih ;*

"*Illi apparti minn hekk kif hemm indikat f`Dokument `GV2` u "GV3` rispettivament l-istess Korporazzjoni konvenuta kienet intimat lill-attur li hija se taqtghalu l-provvista ta` l-elettriku bi pregudizzju car ghall-istess attur li huwa ma jkunx jista` jkompli bl-attivita` ta` xoghol tieghu. Anke jekk Wide jifli l-istess ittri ta` intimazzjoni Wide isib illi fiz-zewg ittri l-Korporazzjoni konvenuta qieghedha tirreklama ammonti differenti minghand l-attur li juri bic-car illi l-istess Korporazzjoni lanqas biss taf x`hinu l-ammont precizament dovut mill-istess attur bhala konsum ta` elettriku (jekk dana huwa l-kaz) li huwa ghamel ;*

"*Illi l-attur ghalhekk ihoss fl-ewwel lok illi l-Korporazzjoni konvenuta ma mxietx skond il-ligi u ai termini tas-`service contract` li hemm vigente bejn il-kontendenti f'dik il-kawza mieghu meta hija baghtitlu kont ta` dik il-portata f'daqqa u issa qed tippretendi l-hlas f'qasir zmien u fit-tieni lok huwa qed jikkontesta l-`quantum` tal-kont bhala wiehed eccessiv ;*

"*Illi nhar l-4 ta` Settembru 2006 l-attur ottjena l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni contra l-istess Korporazzjoni konvenuta halli din ma tieqafx milli tibia` tonora s-`service contract` li hija ghandha mieghu.*

"*Ghaldaqstant l-attur umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qormi joghgobha prevja kull dikjarazzjoni ohra li hija tos li ghandha taghti fic-cirkostanzi :*

"*1. Tiddikjara illi ma kien hemm u m`hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn il-Korporazzjoni konvenuta m`ghandhiex tibqa` tonora s-`service contract` hawn fuq indikat u li hija ghandha ma` l-attur ;*

"*2. Tiddikjara illi l-kontijiet kollha mahruga in konnessjoni mal-fond hawn fuq indikat huma eccessivi ;*

"*3. Tiffissa jekk ikun il-kaz x`hinu l-ammont dovut mill-attur lill-Korporazzjoni konvenuta bhala konsum ta` l-elettriku mill-fond hawn fuq indikat permezz ta` perit nominando ;*

"*4. Tiddikjara li certu ammonti huma dovuti mill-attur lill-Korporazzjoni konvenuta (jekk ikun il-kaz) huma preskritti bil-preskrizzjoni kwinkwennali ;*

"*5. Tiddikjara illi l-Korporazzjoni konvenuta iddekadiet mill-obbligi taghha fis-`service contract` li hija ghandha ma` l-attur u dana billi hija naqset milli tohrog lill-attur kontijiet regolari u korretti hekk kif hawn fuq spjegat ;*

"*6. Tiddikjara illi minhabba dekadenza da parti tal-Korporazzjoni konvenuta l-attur sofra dan konsistenti principalment f`telf ta` profitti jew addirittura f`telf ta` attivita` ta` xoghol tieghu hekk kif hawn fuq spjegat ;*

"*7. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur anke permezz tal-hatra ta` perit nominand ;*

"*8. Tordna lill-korporazzjoni konvenuta thallas id-danni lill-attur ;*

"*9. Tikkonferma l-effetti tal-Mandat ta` Inibizzjoni fl-ismijiet hawn fuq indikati iddekretat nhar l-4 ta` Settembru 2006.*

"Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

"Rat ir-**risposta guramentata** li pprezentat il-Korporazzjoni Enemalta fit-8 ta` Frar 2007 u li taqra hekk :-

"*1. Illi l-attur huwa provist minn servizz ta` kurrent elettriku fil-fond kummercjali International Plastics, Triq Tal-Handaq, Hal-Qormi, permezz tal-kont numru 206742440 liema kont huwa registrat fuqu personalment ;*

"*2. Illi r-relazzjoni bejn l-attur u l-Korporazzjoni intimata hija regolata mir-Regolamenti ghall-Provvista ta` l-Elettriku ;*

"*3. Illi l-ammonti rikjesti mill-Korporazzjoni huma totalment dovuti u dan kif registrati fuq il-meter illi l-Korporazzjoni nstallat fil-propjeta` tar-rikorrent u jirrispekkja l-konsum li sar fil-fond in kwistjoni tu lis-snin ;*

"*4. Illi dan il-meter li kienu ilu ma jinqara mill-1998 inqara f`April ta` l-2005.*

"*5. Illi tul dawn is-snin ir-rikorrent kien kuntent illi jhallas estimi fuq il-kont, meta kien jaf li ma kienx qed isir qari tal-meter, minbarra l-fatt illi bejn l-2003 u l-2006 ir-rikorrent kien qieghed ihallas biss il-kera tal-meter illi kienet tammonta ghal bejn wiehed u iehor is-somma ta` tmien liri (Lm8) ghal kull xaghrejn ;*

"*6. Illi finalment inhareg il-kont attwali bbazat fuq il-qari tal-meter u allura fuq il-konsum reali li qieghed isir fil-propjeta` in kwistjoni u wara snin ihallas biss estimi ridotti bbazati fuq konsum passat u sahansitra recentement ihallas biss il-kirijiet tal-meter, l-attur ma ghogbux ihallas ghal dak li vera ghamel uzu minnu u ntavola l-proceduri prezenti li permezz taghha jargumenta li ghandu dritt jibqa` lura milli jhallas dak li huwa sakrosantament dovut lill-Korporazzjoni ghall-konsum li ghamel dan l-individwu ;*

"*7. Illi assolutament mhuwiex minnu li l-Korporazzjoni ghamlet xi zball fi hrug ta` kontijiet fir-rigward ta` dak il-konsumatur u di piu` mhuwiex minnu li l-Korporazzjoni mxiet kontra dak li jistiuplaw ir-Regolamenti precitati ;*

"*8. Illi l-argument ta` l-attur illi kieku kien jaf li kienu dovuti dawn l-ammonti hu kien ivarja l-prezzijiet tieghu u l-argument inerenenti li ghalhekk l-attur sofra xi danni huwa wkoll infondat fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attur kien jaf ben tajjeb, kemm minn qari semplici tal-kont, kif ukoll mill-fatt illi hu kien qieghed ihallas biss il-kera tal-meter in kwistjoni li l-ammonti li qed ihallas ma kienux jirriflettu l-konsum fil-fond in kwistjoni.*

"*9. Illi kieku ried l-attur kellu bosta rimedji fejn hu seta` jcempel lill-Korporazzjoni Enemalta jew lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma, din ta` l-ahhar rapprezentanta tal-Korporazzjoni Enemalta ghall-gbir ta` kontijiet, u seta` nfurmahom bil-qari tal-meter tieghu stante li hu kien ben konsapevoli mill-fatt li ma kienx qed johrog kont fuq konsum attwali.*

"*10. Illi ghalhekk fid-dawl tar-regolament 67 tar-Regolamenti ghall-Provvista ta` l-Elettriku l-Korporazzjoni Enemalta hija ntitolata li tissospendi l-kurrent elettriku minhabba nuqqas ta` hlas ;*

"*11. Illi assolutament ma hemmx lok ta` preskrizzjoni stante li saru pagamenti kif ukoll stante illi l-korporazzjoni Enemalta ma setgghetx tohrog kont qabel kellha qari attwali ;*

"*12. Illi finalment mhuwiex assolutament minnu, kif allegat, illi l-korporazzjoni mhijiex konsapevoli mill-ammonti dovuti u nbaghtu zewg ittri b`ammonti diversi ghas-semplici raguni li t-tieni ittra tikkontempla l-hlas ta` kurrent elettriku pprovdut fil-perijodu bejn ittra u ohra, fis-sens illi sar konsum ulterjuri, il-kont precedenti ma thallasx u b`hekk ovvjament l-ammont dovut zdied ;*

"*13. Illi fuq dan il-kont huma dovuti tnejn u tletin elf u tnejn u erbghin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm32,042.78) rapprezentanti konsum ta` l-elettriku fil-fond riferit ghall-perijodu bejn l-4 ta` Lulju 1998 u 19 ta` Dicembru 2006 kif indikat fl-annessi dokumenti EN1 u EN2 u kif riflessi minn qari attwali tal-meter relattiv ;*

"*Ghaldaqstant in vista tas-suespost il-Korporazzjoni Enemalta titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba attrici bhala nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt bl-ispejjez kontra l-attur.*

"Rat l-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta u l-elenku ta` dokumenti li pprezentat mar-risposta guramentata.

“Rat **il-kontrotalba** li taqra hekk :-

“*1. Illi l-attur rikonvenzjonat huwa provvist minn servizz ta` kurrent elettriku fil-fond kummercjali International Plastrics, Triq Tal-Handaq, Hal-Qormi, permezz tal-kont numru 206742440 liema kont huwa registrat fuq l-attur Gino Vassallo ;*

“*2. Illi r-relazzjoni bejn l-attur u l-Korporazzjoni ntimata hija regolata mir-Regolamenti ghall-Provvista ta` l-Elettriku ;*

“*3. Illi fuq dan il-kont hemm dovuti tnejn u tletin elf u tnejn u erbghin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm32,042.78) rapprezentanti konsum ta` l-elettriku fil-fond riferit ghall-perijodu ta` bejn l-4 ta` Lulju 1998 u 19 ta` Dicembru 2006, kif indikat fl-annessi dokumenti EN1 u EN2 u kif riflessi minn qari attwali tal-meter relattiv ;*

“*4. Illi ghalkemm debitament interpellat u minkejja varji laqghat u diskussjonijiet, liema laqghat dejjem saru minghajr pregudizzju reciproku, l-attur rikonvenzjonat baqa` nadempjenti ;*

“*Ighid ghalhekk l-istess Gino Vassallo ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarja :*

“*1. Tiddikjara illi Gino Vassallo huwa debitur tal-Korporazzjoni Enemalta fl-ammont ta` tnejn u tletin elf u tnejn u erbghin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm32,042.78) rapprezentanti konsum ta` l-elettriku fil-fond kummercjali International Plastrics, Triq Tal-Handaq, Hal-Qormi, permezz tal-kont numru 206742440 liema kont huwa registrat fuq l-attur ;*

“*2. Tikkundanna lill-istess Gino Vassallo jhallas lill-Korporazzjoni Enemalta l-ammonti msemmija bl-imghaxijiet mid-data tal-konsum sadf-data tal-pagament relattiv u bl-ispejjez.*

“Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta rikonvenzjonanti, u l-elenku ta` dokumenti li pprezentat ghall-fini tal-kontrotalba.

“Rat in-nota tal-attur tad-9 ta` Marzu 2007.

“Rat **ir-risposta guramentata tal-attur ghall-kontrotalba** ghall-kontrotalba li kienet prezentata fid-9 ta` Marzu 2007 u taqra hekk –

“*1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-attur-rikonvenzjonat jeccepixxi illi certu ammonti li qed jintalbu minghandu mill-Korporazzjoni konvenuta rikonvenzjonanti huma preskritti bil-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.*

“*2. Illi fi kwalunkwe kaz ghal dak li jirrigwarda l-ammont rimanenti li qed jigi mitlub mill-Korporazzjoni konvenuta rikonvenzjonanti minghand l-attur rikonvenzjonat dawn m`huwiex klollu dovuit u jrid jigi stabbiliti x`inhuwa l-ammont li ghadu realment dovut.*

3. “*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi mil-ligi.*

“Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur rikonvenzjonat.

“Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tat-13 ta` Marzu 2007 fejn hatret lill-Av. Dr. Yvette Cassar bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tigbor il-provi.

“Rat il-provi inkluzi dawk li ngabru mill-Assistent Gudizzjarju.

“Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-udjenza tal-15 ta` Novembru 2011 fejn laqghet it-talba tal-konvenuta ghal korrezzjoni tal-ewwel talba rikonvenzjonali taghha.

“Rat in-nota li pprezentat il-konvenuta fil-15 ta` Novembru 2011 li permezz taghha rriduciet it-talba taghha ghall-ammont ta` Lm23,655.17 ekwivalenti ghal €57,431.10.

“Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

“Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-udjenza tat-13 ta` Novembru 2012 fejn laqghet it-talba tal-attur sabiex jeccepixxi l-preskrizzjoni skond l-Art 2156(f) tal-Kap 16 bhala konsegwenza tal-korrezzjoni tal-ewwel talba rikonvenzjonali tal-konvenuta u fejn tat lill-attur zmien ghoxrin jum biex jipprezenta risposta guramentata ulterjuri.

“Rat li l-attur baqa` ma pprezentax risposta ulterjuri.

“Rat li din il-Qorti diversament presjeduta halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-20 ta` Jannar 2014.

“Rat illi b`ordni tal-Prim` Imhallef tat-12 ta` Jannar 2014 l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

“Rat id-digriet taghha tat-30 ta` Jannar 2014.

“Rat in-nota li pprezentat il-konvenuta fis-7 ta` Frar 2014 fejn iddikjarat li qeghda toqghod fuq l-atti partikolarment izda mhux esklussivament fuq in-nota ta` osservazzjonijiet taghha.

“Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-13 ta` Marzu 2014 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum *in difett ta` ostakolu.*

“Rat illi ma jirrizultax li hemm ostakolu sabiex il-kawza tigi deciza llum.

“Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

“**Ikkunsidrat :**

"**II. Provi**

"**L-attur** xehed illi sena wara li fetah il-fabbrika tieghu go Tal-Handaq, gew mill-Enemalta biex jiehdu reading, u wara rcieva kont ta` Lm1000, li huwa hallas. Fs-snin ta` wara baqa` jircievi kontijiet. Minhabba problemi finanzjarji, beda jhallas ftit ftit dawk il-kontijiet. Il-kont baqa` tiela` ghal Lm4000 u kwazi hallsu kollu. In segwitu rcieva kont ta` eluf ta` liri. Minn verifiki li ghamel irrizulta li l-kont l-gholi hareg billi kien ittiehed reading hazin. Mill-Enemalta accettaw l-izball pero` nsistew li kien hemm konsum ta` dawl. Ighid li kien minaccjat li jekk ma jhallasx il-kont, jinqata` s-servizz. Il-prezzijiet tal-prodotti tieghu kien jahdimhom fuq il-kontijiet li kien jircievi. Bil-kontijiet kif kienu, huwa kellu spiza ta` 1c ghal kull kilo plastic mentri bil-kont il-gholi kif gie l-ispiza telghet ghal 6c ghal kull kilo plastic.

"**John Saliba** – Kap tat-Taqsima tal-Credit Control tal-konvenuta – xehed illi l-kont ta` Lm28,218.34 hareg fit-2 ta` Mejju 2005. L-ammont kien ilu jingema` billi l-qari attwali kien sar fid-9 ta` Marzu 1998 meta ttiehed reading ta` 25897 –il unit. Fl-2005 il-meter ma kienx inqara ghaliex skond il-file meta mar il-meter reader sab il-post maghluq. Il-kont kien jirrelata ghal fond kummercjali. Meta meter reader ma jsib lil hadd, halli nota biex il-konsumatur jaghmel kuntatt mieghu. Il-meter readers ikunu mpjegati tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma. Bejn l-1998 u l-2005 inhargu lill-attur kontijiet bi stimi. L-attur ghamel xi pagamenti izda qatt ma hallas il-kont kollu. Il-kont ta` Lm28,218.34 kien attwali ; fil-fatt ittiehed reading f`April 2005. Fis-27 ta` Frar 2004 sar ftehim (Dok JSX) bejn l-attur u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma fuq hlas ta` Lm4417.04 li kellu jigi effettwat permezz ta` `down payment` ta` Lm500 u l-bilanc ta` Lm300 kull xahar. L-ammont tal-ftehim kien ibbazat fuq stimi. L-attur ipprotesta dwar il-kont ta` Lm28,218.34. Minn din il-figura kellha titnaqqas `surcharge` ta` Lm3659.65 u VAT fuq is-surcharge ta` Lm182.98 ghax ma kienux dovuti. Ghalhekk l-ammont attwalment dovut sar-reading tal-4 ta` April 2005 kien ta` Lm24,655.17. Ikkonferma li meta l-persuna tircievi l-kont, ikun jirrizulta fil-kont stess jekk il-hlas pretiz ikunx attwali jew stima. Wara l-4 ta` April 2005, hargu kontijiet ohra li pero` ma kienux kontestati. Il-figura ta` Lm24,655.17 telghet daqstant ghaliex il-kontijiet precedenti kienu qeghdin johorgu abbazi ta` stimi billi ma kienx qed jinghata access lill-meter reader biex jiehu l-`actual readings`. Tenut kont li fil-post kienet qeghda ssir attivita` ndustrijali, l-istimi kienu baxxi. Ix-xhud kien mistoqsi jekk wara li saret il-kawza l-attur kienx ghamel pagamenti. Huwa wiegeb illi l-hlasijiet li ghamel kien dwar kontijiet ohra mhux dwar dak mertu tal-kawza. Il-posizzjoni fl-10 ta` Lulju 2012 kienet illi l-attur kellu jaghti €103,532.15 ; minnhom €57,431.10 kienu dawk relattivi ghall-kawza tal-lum.

"**Joseph Pandolfino** – Chief Financial Officer tal-konvenuta bejn Frar 2004 u April 2009 – xehed li fuq l-istimi li kienu qeghdin johorgu, l-atturi ma kienx qed ihallas regolarment.

"**Ikkunsidrat :**

"**III. Il-preskrizzjoni**

"Fir-raba` domanda, l-attur talab lill-Qorti *tiddikjara li certu ammonti dovuti mill-attur lill-Korporazzjoni konvenuta (jekk ikun il-kaz) huma preskritti bil-preskrizzjoni kwinkwennali.* Imbaghad fl-ewwel eccezzjoni ghall-kontrotalba, l-attur eccepixxa li *certu ammonti li qed jintalbu minghandu mill-Korporazzjoni konvenuta rikonvenzjonanti huma preskritti bil-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.*

"**1. L-onus tal-prova**

"Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza **"Stencil Pave (Malta) Ltd vs Deguara et noe**" din il-Qorti (**PA/JRM**) irriteniet illi –

> "*hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista` tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib `il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa` principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*

"(ara wkoll "**Holland noe vs Chetcuti**" – Qorti tal-Appell – 25 ta` Frar 2000 ; "**Vella vs Cefai**" – Qorti tal-Appell - 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Portelli vs Psaila" -** Prim`Awla tal-Qorti Civili - 29 ta` Mejju 2003 ; "**Causon noe vs Sheibani**" – Qorti tal-Kummerc – 4 ta` Dicembru 1987 ; "**Camilleri vs Frendo**" (Kollezz. Vol. XII.144) ; "**Borg vs Testaferrata Bonici**" – Qorti tal-Appell – 24 ta` Marzu 1958).

"In partikolari fis-sentenza "**Causon vs Sheibani noe**" il-Qorti qalet illi –

> "*min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f`posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le*".

"Wara li l-eccipjent jaghmel il-prova, ikun imbaghad imiss lill-attur illi jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni ma jkunx ghadda (ara "**Calleja vs Vella**" – Qorti tal-Appell – 15 ta` April 1964).

"**2. Tifsira restrittiva**

"Il-preskrizzjoni ghandha tinghata nterpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni ("**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited**"

deciza minn din il-Qorti fit-12 ta` Ottubru 2004, u **"<u>Ellul noe vs Vella noe</u>"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta` Mejju 2001).

"Il-preskrizzjoni hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b`mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

"**3. <u>Dekorrenza</u>**

"**<u>L-Art 2137 tal-Kap.16</u>** jaqra hekk –

> "*Bla hsara ta` disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta` azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista` tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies ta` l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha l-azzjoni tmiss.*

"Huwa principju tad-dritt illi d-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament ("**<u>Scicluna vs Tracey</u>**" : Qorti tal-Appell : 22 ta` Gunju, 1900 [Vol.XVII.I.151] ; u "**<u>Caruana vs Runza</u>**" – PA - 7 ta` Mejju, 1999).

"L-awturi **<u>Baudry-Lacantinerie u Tissier</u>** (*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile : Della Prescrizione* - Cap XII, para 364 pag 279) jaffermaw illi –

> "*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e` nato il diritto o l`azione che e` destinata ad estinguere.*"

"Izjed `l quddiem (para 393 bis, pag 306, op.cit.) ighidu hekk –

> "*La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell`evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale*"

"**4. <u>Interruzzjoni</u>**

"L-interruzjoni tal-preskrizzjoni tkun tirrizulta jekk issir il-prova tal-presentata u notifika ta` att gudizzjarju kontra d-debitur (ara l-**<u>Art 2128 tal-Kap 16</u>**). Inkella ssir il-prova li bl-imgieba tieghu, id-debitur iqieghed lilu nnifsu go sitwazzjoni li tirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni ; provi dawn li jispettaw lill-attur.

"Ir-rikonoxximent tad-debitur isir jew permezz ta` xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta` l-ezistenza tad-dritt ; il-hlas akkont huwa ezempju (ara l-**<u>Art 2134 tal-Kap 16</u>**). Ir-rikonoxximent tad-dritt ghall-fini ta` l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni jikkonfigura fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta` l-inekwivocita`, ta` l-esternazzjoni : rekwiziti dawn li jehtieg li jezistu flimkien fl-istess att.

"L-**Art 2109(1) tal-Kap 16** testwalment jipprovdi illi "*r-rinunzja ghall-preskrizzjoni tista` tkun espressa jew tacita*". Fil-kaz ta` rinunzja espressa din trid tirrizulta minn espressjonijiet cari u univoci (ara : **Kollez. Vol. XXXVIII.III.723** ; **Kollez. Vol. XXIX.I.755** ; **Kollez. Vol XLIII.II.744** ; **Kollez. Vol. XLV.II.632** ; "**Victor Calleja noe vs Nazzareno Vassallo et noe**" : Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 1998). Fil-kaz ta` rinunzja tacita din ghandha tigi nterpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tigi dezunta ma tkunx tista` tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja [ara l-Art 2109(2) tal-Kap 16 ; "**Michele Tabone et vs Emmanuele Sammut noe**" : Prim`Awla tal-Qorti Civili - 10 ta` Ottubru 1950 ; u "**Carmelo Galea vs Dottor Albert Camilleri noe**" : Qorti tal-Appell : 18 ta` Marzu 1977].

"Fejn id-debitur ma jichadx id-dejn imma sempliciment jikkontesta l-quantum ta` l-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri ("**Anthony Fenech et noe vs John Saliba**" : Qorti tal-Kummerc : 21 ta` April 1971).

"**5. Risultanzi**

"**Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li l-aqwa prova ghar-rigward tal-kwistjoni tal-preskrizzjoni huma Dok GV1, Dok EN1 u Dok EN2**.

"Stabbilit illi l-preskrizzjoni eccepita hija dik tal-hames snin skond l-Art 2156(f) tal-Kap 16 jirrizulta minn dawn id-dokumenti :-

"i) Illi bejn l-10 ta` Novembru 1993 u 19 ta` Frar 2005, il-kont tela` minn Lm10.13 ghal Lm1714.15.

"ii) Illi matul din il-firxa ta` ftit anqas minn 13-il sena, diversi kienu l-pagamenti li saru mid-debitur. Fost ohrajn sar : pagament ta` Lm68.15 fit-23 ta` Ottubru 1997 ; hlas ta` Lm500 fit-12 ta` Lulju 2001 ; hlas ta` Lm500 fl-1 ta` Marzu 2004 ; u serje ta` tmien pagamenti bejn il-21 ta` Gunju 2004 u 17 ta` Frar 2005.

"iii) Illi bejn hlas u iehor qatt ma nqabzu l-hames snin ;
iv) Illi sar pagament akkont ta` Lm150 fid-29 ta` Marzu 2005 meta l-bilanc kien ta` Lm2564.15 segwit minn pagament iehor ta` Lm150 fil-25 ta` April 2005. Il-bilanc gie jaqra Lm2414.15.

"iv) Illi fit-2 ta` Mejju 2005, il-kont zdied bi Lm28,497.80 sabiex gie jaqra Lm30,911.95.

"v) Illi wara din iz-zieda, saru erba` pagamenti : l-ewwel tnejn ta` Lm150 rispettivament fit-2 ta` Awissu 2005 u 17 ta` Ottubru 2005 ; u tnejn ta` Lm200 kull wiehed rispettivament fid-19 ta` Dicembru 2005 u

3 ta` Frar 2006. Il-bilanc kien Lm31,703.69 fis-27 ta` Frar 2006 u baqa` tiela` ghal Lm32,042.78 fid-19 ta` Dicembru 2006.

"vi) Illi l-konvenuta pprezentat il-kontrotalba fit-8 ta` Frar 2007.

"Fuq l-iskorta ta` dawn il-fatti oggettivi u mhux kontradetti mill-attur, ma jirrizultax li fuq l-ammont pretiz mill-konvenuta fil-kontrotalba ghaddiet il-preskrizzjoni tal-hames snin ghaliex kif diga` kien spjegat l-attur matul is-snin ghamel diversi pagamenti akkont. B`hekk irrikonoxxja l-kreditu u kiser il-preskrizzjoni. Inoltre rrizulta li kompla jaghmel pagamenti anke wara li l-kont zdied f`daqqa fit-2 ta` Mejju 2005.

"**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel eccezzjoni tal-attur ghall-kontrotalba.**

"**Ghall-istess ragunijiet, qeghda <u>tichad</u> ukoll ir-raba` talba tal-attur**.

"**Ikkunsidrat :**

"**IV. <u>It-talbiet l-ohra attrici</u>**

"**1) <u>Generali</u>**

"Kull kaz ghandu jkun esaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. B`hekk il-gudikant ikun f`qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita` tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet.

"Bhala punt ta` dritt il-Qorti ssostni li fuq l-attur huwa mixhut li jipprova t-talbiet tieghu. Il-Qorti trid taccerta jekk l-attur issodisfax dak l-oneru bil-prova tal-legittimita` tal-pretensjoni tieghu ; jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta` gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati (*non esse et non probari paria sunt*).

"Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**<u>Chef Choice</u> <u>Limited vs Raymond Galea et</u>**", din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) qalet hekk :-

> "*Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta` prova fil-proċediment ċivili m`huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imam prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju (ara P.A. DS 13.2.2001 fil-kawża fl-ismijiet Nancy Caruana vs Odette Camilleri mhix pubblikata, imma f`dan ir-rigward, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27.2.2004) …*

"*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b`mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (App. Inf. JSP 12.1.2001 fil-kawża fl-ismijiet Hans J. Link et vs Raymond Merċieca). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista` tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (App. Inf. PS 7.5.2010 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil) ;*

"*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f`kawża li tipprova dak li tallega (Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12) ;*

"*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f`każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b`doża qawwija ta` apprezzament suġġettiv ta` dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x`kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet ;*

"*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (App. Inf. PS 7.5.2010 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (P.A. NC 28.4.2004 fil-kawża fl-ismijiet Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et) Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m`għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (P.A. LFS 18.5.2009 fil-kawża fl-ismijiet Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista` toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta` xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (App. Ċiv. 19.6.2006 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta` ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (App. Inf. 9.1.2008 fil-kawża fl-ismijiet Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

"**2)** **<u>L-ewwel u t-tieni talbiet</u>**

"Abbazi tal-assjem tal-provi, irrizulta li ghal diversi snin, fil-kontijiet li kienu qeghdin jinhargu lill-attur, il-konsum kien qed ikun indikat bhala stima mhux bhala *actual readings.* Ir-raguni li tat il-konvenuta kienet illi l-*meter reader* kien qed isib il-post maghluq.

"Il-Qorti tirrileva illi hija storja jekk il-*meter reader* sab il-post maghluq f`okkazjoni wahda sporadika, izda li jibqa` jsib il-post maghluq ghal snin shah hija storja ohra. Huwa evidenti illi mil-lat ta` metodu u ta` logistika, x`imkien kien hemm nuqqas ta` komunikazzjoni <u>interna</u> serja hafna bejn id-diversi setturi tal-konvenuta. Kien hemm <u>ukoll</u> nuqqas ta` komunikazzjoni <u>esterna</u> daqstant karenti bejn il-konvenuta u l-attur. Jekk ma kienux qeghdin jittiehdu *actual readings* ripetutament, l-icken haga li kellha taghmel il-konvenuta kienet li taghmel kuntatt tempestiv mal-konvenut ; almenu mill-process jirrizulta li l-unici zewg ittri li nkitbu lill-attur kien fl-2006 meta l-problema kienet ilha tingema` s-snin. L-attur ukoll kellu tieghu ; mill-kontijiet kellu jirrizultalu li l-konsum kien qed johrog bhala stima u ghalhekk kien fl-interess tieghu li jirregolarizza s-sitwazzjoni tieghu.

"Senjalat dan il-*laissez-faire* fl-imgieba tal-partijiet, huwa stabbilit abbazi tal-provi akkwiziti li l-kontijiet bl-*actual readings* fil-verita` ma gewx ikkontestati mill-attur. Anzi gew ippruvati bix-xiehda ta` rapprezentanti tal-konvenuta. Tabilhaqq li dawn il-kontijiet issorprendew lill-attur, ghax forsi gew fi zmien meta ma kienx qed jistenniehom, pero` fl-istess waqt minn l-ebda prova ma rrizulta li l-*actual readings* li fuqhom hareg il-kont kienu zbaljati.

"Ghalhekk fuq bilanc ta` probabilitajiet, il-Qorti ssib li l-attur mhux irrikonoxxa li huwa debitur tal-konvenuta meta l-kontijiet kienet stimi bil-pagamenti li kien jaghmel, izda baqa` jaghmel il-hlasijiet, anke wara li rcieva l-kontijiet bl-*actual readings.*

"**Fic-cirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel talba <u>ma tistax</u> tkun milqugha**.

"Jekk rinfaccjat bir-realta` tal-fatti, l-attur se jippersisti fir-rifjut tieghu li jonora l-obbligu tal-pagament versu l-konvenuta, ma jistax l-attur jippretendi li l-konvenuta biss tibqa` obbligata. Del resto l-**<u>Art 67</u>** tar-Regolamenti fuq il-Provvista ta` l-Elettriku huwa car : *Jekk kont jew talba ghall-hlas, debitament prezentata lill-konsumatur, ma tithallasx fi zmien erbatax-il jum minn mindu tigi prezentata … il-provvista tal-kurrent f`dak il-kont u f`kull kont iehor li jkun f`isem l-imsemmi konsumatur tista` tigi sospiza minghajr ma jinghata ebda avviz minn qabel.* Il-Qorti tirrimarka wkoll li kemm damu johorgu kontijiet fuq stimi, u anke wara, il-post tal-attur baqa` jintuza ghall-finijiet kummercjali, u ghalhekk l-attur ma ghandu l-ebda skuzanti li gew addebitati kontijiet meta l-post ma kienx qed jintuza.

"Ghar-rigward tat-**<u>tieni talba</u>**, irrizulta li l-ammont kif ridott huwa dak tassew dovut mill-attur ; il-ghala saret ir-riduzzjoni, irrizulta mid-

depozizzjoni tar-rapprezentanti tal-konvenuta. Fil-verita` gara li fl-ammont originarjament pretiz kienu mposti *surcharge* u VAT meta dawn ma kienux dovuti. Fl-istess waqt l-ammont ridott b`ebda mod ma jqarreb minimament lejn il-pretensjoni tal-attur, li ghalhekk **qeghda tkun michuda wkoll**.

"**3) It-tielet talba**

"Ghar-ragunijiet diga` mfissra, ma hemm l-ebda ammont li l-Qorti ghandha tillikwida bhala dovut mill-attur stante li l-ammont ridott u ndikat fil-kontrotalba rrizulta li huwa dovut.

"**Ghalhekk it-tielet talba qeghda tkun rigettata.**

"**4) Il-hames talba**

"Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li din it-talba ma gietx ippruvata.

"Kien jispetta lill-attur li jaghmel il-prova tal-fondatezza ta` dik it-talba.

"Il-Qorti qieset dak li jghidu r-Regolamenti fuq il-Provvista ta` l-Elettriku u minn imkien ma jirrizulta dak li qieghed jallega l-attur.

"Di piu` il-kuntratt bejn il-partijiet kien bilaterali u ghalhekk kien jinkombi mhux biss lill-konvenuta li tohrog bhala norma kontijiet regolari u korretti, izda lill-attur li bhala konsumatur illi jinsisti li johorgu kontijiet attwali mhux stimi. Ma jistax jimputa nadempjenza lill-konvenuta meta n-nuqqas tieghu jirrizulta ppruvat.

"**Ghalhekk il-hames talba qeghda tkun respinta.**

"**5) Is-sitt, is-seba` u t-tmien talbiet**

"Mhuwiex ippruvat illi l-konvenuta kienet kontrattwalment inadempjenti fil-konfront tal-attur u ghalhekk ma hemmx lok ghal dikjarazzjoni ta` responsabilita` ghad-danni fil-konfront tal-attur. Ghax hu hekk, ma hemmx lok la ghal-likwidazzjoni tad-danni u lanqas ghal hlas ta` danni.

"**Ghalhekk il-hames talba qeghda tkun respinta.**

"**6) Id-disa` talba**

"Ghalkemm mal-atti akkwiziti ma kenitx prezentata mqar kopja tal-atti tal-mandat ta` inibizzjoni, mankanza ohra tal-attur, il-Qorti tirrileva li l-mandat hareg bhala mizura kawtelatorja. Abbazi tad-decizjoni li hadet dwar it-talbiet precedenti tal-attur, il-Qorti mhijiex sejra tikkonferma l-effetti tal-mandat.

"**Ghalhekk id-disa` talba qeghda tkun michuda wkoll.**

“**Ikkunsidrat :**

“**V. <u>Il-kontrotalba</u>**
“Respinta l-ewwel eccezzjoni ghall-kontrotalba, il-Qorti diga` kellha okkazjoni illi waqt li kienet qeghda tqis it-talbiet attrici tittratta t-tieni eccezzjoni tal-attur ghall-kontrotalba.

“Il-Qorti ghalhekk tirribadixxi li saret il-prova sal-grad rikjest mil-ligi illi l-ammont **<u>ridott</u>** pretiz mill-konvenuta huwa dak dovut mill-attur.

“**Ghalhekk it-tieni eccezzjoni qeghda tkun <u>parzjalment milqugha</u>.**

“**<u>Decide</u>**

“**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

“**Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta ghat-talbiet tal-attur.**

“**Tichad it-talbiet kollha tal-attur.**

“**Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-attur ghall-kontrotalba.**

“**Tilqa` parzjalment it-tieni eccezzjoni tal-attur ghall-kontrotalba.**

“**Tilqa` l-ewwel talba rikonvenzjonali parzjalment billi tiddikjara li l-attur ghandu jhallas lill-korporazzjoni konvenuta l-ammont ridott ta` sebgha u hamsin elf erba` mija wiehed u tletin Ewro ghaxar centezmi (€57,431.10) ekwivalenti ghal erbgha u ghoxrin elf sitt mija hamsa u hamsin lira sbatax-il centezmu (Lm24,655.17) rapprezentanti l-konsum ta` kurrent elettriku fil-fond kummercjali International Plastics, Triq il-Handaq, Qormi, skond kont numru 206742440 li huwa registrat fuq l-attur.**

“**Riferibbilment ghat-tieni talba rikonvenzjonali, tikkundanna lill- l-attur sabiex ihallas lill-korporazzjoni konvenuta l-ammont ta` sebgha u hamsin elf erba` mija wiehed u tletin Ewro ghaxar centezmi (€57,431.10) ekwivalenti ghal erbgha u ghoxrin elf sitt mija hamsa u hamsin lira sbatax-il centezmu (Lm24,655.17) rapprezentanti l-konsum ta` kurrent elettriku fil-fond kummercjali International Plastics, Triq il-Handaq, Qormi, skond kont numru 206742440 li huwa registrat fuq l-attur, bl-imghax legali b`effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.**

“**Tordna lill-attur sabiex ihallas l-ispejjez kollha relattivi ghat-talbiet tieghu u ghall-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta ghal dawk it-talbiet.**

> “**Tordna li l-ispejjez tat-talbiet rikonvenzjonali u tal-eccezzjonijiet ghall-kontrotalba jithallsu in kwantu ghal kwart mill-korporazzjoni konvenuta u in kwantu ghal tliet kwarti mill-attur**”.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Marzu 2020 li permezz tieghu l-Qorti halliet l-appell ghas-sentenza wara li d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li qed jistriehu fuq l-atti tal-kawza.

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta li talbet biss li din il-Qorti tiddikjara li l-appellat ghandu jkun ikkundannat ihallas imghaxijiet b’effett minn meta dan kien dovut u mhux mid-data tas-sentenza; naturalment l-appellat jopponi ghal dan u jitlob il-konferma tas-sentenza.

L-aggravvju tal-appellanti huwa wiehed u cioe` li ladarba huwa evidenti mill-atti tal-kawza li l-appellat kien jaghmel it-talbiet tieghu fir-rigward ta’ fond li minnu huwa kien jinnegozja, allura d-debitu tieghu huwa wiehedkummercjali u bhala tali ghandu jigi applikat l-Artikolu 1141 (1) tal-Kap. 16 li jghid li:

> “*Jekk l-obligazzjoni tkun ta’ xorta kummercjali ….. l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dak in nhar li l-obligazzjoni kellha tigi esegwita*”.

Fir-risposta tieghu l-appellat jilmenta mill-mod kif gie trattat mill-appellanti u jghid li allura din tal-ahhar ma ghandhiex dritt titlob imghaxijiet.

Ezaminati l-atti ma hemmx l-icken dubbju li l-attivita` gestita mill-appellat fil-fond inkwistjoni kienet wahda kummercjali; dan johrog anke mill-istess rikors guramentat tal-appellat.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Brincat v. Caruana** (23 ta' Gunju 2004):

> "*Ma jistax allura jkun dubitat illi l-obbligazzjoni li ghaliha jirreferi l-Art 1141 (1) tal-Kap 16 kienet f'dan il-kaz wahda ta' natura kummercjali in kwantu kienet tirrigwarda xoghol ta' provvista ta' reklamar kommissjonat mill-konvenuta appellata. Xoghol dan li, kif gja fiq rilevat, kien minnu nnifsu kostitwenti att tal-kummerc annoverat fost l-elenku dettaljat fl-Artikolu 5 tal-Kap 13. Xoghol adempjut mill-appellanti fil-kors normali ta' l-attivitajiet kummercjali tieghu. Huwa gust ghalhekk li bl-applikazzjoni tal-principju generali tad-dritt sancit fl-imsemmi artikolu l-appellanti kellu jkollu l-pjena tutela ghall-hlas tal-interessi fir-rigward tal-kreditu minnu pretiz.*
>
> *Omissis*
>
> "*Stabbilita din l-osservazzjoni, jinsab ritenut fid-decizjoni riportata a **Vol XXXVIII pIII p642,** fuq l-insenjament tal-gurisprudenza u d-dottrina taljana, illi "debitu kummercjali likwidu u ezigibbli ta' somma ta' flus jipproduci interessi "dpieno diritto". Jissokta jigi precizat illi "il sol fatto che il creditore non abbia chiesto gli interessi, costituenti per legge un credito liquido, non importa rinuncia ai medesimi". Dan ghaliex il-kreditur ta' debitu skadut huwa "di pieno diritto kreditur anke tal-interessi dekorsi mill-gurnata ta' l-iskadenza sa dak tal-pagament*".

Kif ukoll qalet din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Mallia et v. Francis Bezzina Wettinger** (10 ta' Ottubru 2003):

> "*L-artikolu 1141 tal-Kodici Civili jipprovdi li jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak inhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita." F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni.*

> "*Is-sentenza ta' l-ewwel qorti akkordat l-imghax mid-data tas-sentenza minghajr ma qalet ghala kien qed jigi deciz hekk. Mill fuq espost jidher li l-ewwel qorti kienet zbaljata nkwantu l-imghax jew kellu jigi akkordat mid-data meta l-ammont kellu jigi mhallas lura, u dana f'kaz li l-obbligazzjoni kienet wahda kummercjali, jew, jekk l-obbligazzjoni ma kienetx ta' natura kummercjali, dan l-imghax ghal anqas kellu jibda jigi komputat mid-data tal-presentata tal-att gudizzjarju stante li l-ammont reklamat bhala kapital kien wiehed determinat, u dana kif gie diversament ritenut u deciz minn din il-Qorti*".

Dawn il-konsiderazzjonijet japplikaw ghal dan il-kaz. Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-appellat ghandu jkun ordnat ihallas l-imghaxijiet b'effett minn meta kienu dovuti l-ammonti stabbillti fis-sentenza; mill-provi jidher li l-aktar data favorevoli ghall appellat hija d-9 ta' Marzu 2007 ossia d-data meta gie notifikat bil-kontro-talba tal-appellanti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-appell tas-socjeta` konvenuta u fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata ghall-kumplament, tvarjaha fejn ikkundannat lill-attur ihallas l-imghaxijiet b'effett minn dakinhar tas-sentenza u minflok tikkundannah ihallas l-imghaxijiet b'effett mid-9 ta' Marzu 2007.

L-ispejjez tal-appell a kariku tal-appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb